**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Edel Mary Camilleri]**

**vs**

**Dorian Portelli**

**Kumpilazzjoni Numru: 1241/14**

**Illum, 14 ta' Jannar, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Dorian Portelli detentur tal-karta tal-identita` numru 206681(M).

Akkuzat talli fis-27 ta' Novembru 2014 ghall-habta ta' 9.00hrs gewwa Triq San Gwann Bosco, Dingli, Malta:

1. Ingurja jew hedded jew insulenta lil PC 1021 Christian Cauchi persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku jew bi hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz. U dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Kif ukoll talli taht l-istess lok, hin u cirkostanzi ma tax lil ufficjal prosekutur ismu u kunjomu fost partikolaritajiet ohra. Dan bi ksur tal-Artikolu 338(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Kif ukoll talli taht l-istess lok, hin u cirkostanzi pparkja il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni AAT-626 tat-tip Toyota kontra r-regolamenti tat-traffiku cioe` fil-kantuniera ta' Triq San Gwann Bosco, Had-Dingli, f'zona inqas minn 5 metri li fiha dan l-ipparkjar huwa pprojbit u dan bi ksur tal-L.S. 65.05

4. Kif ukoll talli taht l-istess lok, hin u cirkostanzi pparkja jew halla l-vettur tieghu bin-numru tar-registrazzjoni AAT-626 tat-tip Toyota mal-linja trasversali singola qabel ir-roti ta' quddiem jilhqu dik il-linja trasversali, u li ma taqbizx dik il-linja b'dak il-mod jew f'dak il-waqt li seta kien ta' periklu ghal xi vettura ohra li tkun fuq principjali jew li seta ta lok li dik il-vettura l-ohra jkollha tibdel il-velocita` jew ir-rotta taghha biex tevita li ssir kolluzjoni u dan bi ksur ta' LS 65.05

5. Kif ukoll talli taht l-istess lok, hin u cirkostanzi kiser voluntarjament il-bonordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat, storbju jew glied kap 9 sec 338(dd)

6. Kif ukoll talli taht l-istess lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux pprovdut f'dan il-kodici, offenda il-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika Kap 9 Sec 338 (bb).

7. Kif ukoll taht l-istess lok, hin u cirkostanzi m'obdiex l-ordinijiet legittimi tal-awtorita` jew ta' wiehed li kien inkarigat minn servizz pubblku cioe` lil PC 1021 C Cauchi jew ma helliex jew fixklu waqt il-qadi ta' dmirijietu, jew b'xi mod iehor bla jedd, indahal fi dmiru billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak b'ligi kien ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li PC 1021 G Cauchi ghamel skont il-ligi. Kap Sec 338(ee).

8. Kif ukoll talli taht l-istess lok, hin u cirkostanzi fuq il-bankina pogga jew halla kaxxi, bramel jew oggetti ohra propjeta` tieghu u illi l-imsemmija kaxxi, bramel jew oggeti ohra ta' uzu ghalih kienu ta' ngombru jew inkovenjent ikkagunat lill-abitanti jew ghal min ikun ghaddej fit-triq, u dan bi ksur ta' L.S. 441.07 Reg 30 (1)(a).

9. Kif ukoll talli taht l-istess lok, hin u cirkostanzi halla ingombur jew inkonvenjent ikkagunat lill-abitanti jew ghal min ikun ghaddej fit-triq, bl-uzu ta' generaotr jew kull hag'ohra. L.S. 441.07 Reg 30(2)(a)

   ii) Kif ukoll talli taht l-istess lok, hin u cirkostanzi pparkja l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAT-626 tat-tip Toyota fi spazju mhux permess ghall-ipparkjar kif permess mar-regolamenti tat-traffiku. L.S. 441.07 Reg 30(2)(b)

   ii) Kif ukoll talli taht l-istess lok, hin u cirkostanzi l-post fejn ippparkja l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAT-626 tat-tip Toyota kien matul distanza ta' mixi ta' inqas minn 50m mill-entratura ta' kull post kummercjali u dan bi ksur ta' L.S. 441.07 Reg 30(2)(c)

10. U aktar talli wara sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta cioe` datata nhar it-3 ta' Dicembru 2013 mahruga mill-Magistrat Dr C

Scerri Herrera LL.D. sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija minbarra l-piena applikabli thassar il-licenzja jew inkella tissospendiha ghal xi zmien, fid-diskrezzjoni taghha u dan ghal termini tal-Kap 441.

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-Artikoli ndikati; u cioe` l-Artikoli 49, 50, 95 u 338(bb), (dd), (ee), (g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u L.S. 65.05 u L.S. 441.07 Reg 30(1)(a), 30(2)(a), 30(2)(b) u 30(2)(c).

Stante ammisjoni mill-imputat tal-akkuzi kollha kif dedotta kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qed issib lill-imputat **Dorian Portelli** hati tal-akkuza kollha kif dedotti kontrih u stante li l-akkuzi tnejn (2) sa disgha (9) huma assorbiti fl-ewwel akkuza, tikkundannah ghal multa ta' disa' mitt ewro (€900).

______________________________________

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**